**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Kongunt Nru : 363/16 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi Sandra Kehr u Zoran Kutlic izzewwgu fit-18 ta' Frar 2012 gewwa r-Registru Pubbliku, Valletta, mil-liema zwieg ma kellhomx tfal;

Illi Sandra Kehr u Zoran Kutlic sseparaw legalment minn ma' xulxin u dana in virtu ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Sam Abela datat 3 ta' Novembru 2013, kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A., biss il-partijiet jiddikjaraw illi ilhom jghixu separatmant minn ma' xulxin sa mill-ahhar ta' Mejju – bidu ta' Gunju tas-sena 2012, u ghaldaqstant ilhom aktar minn erba' snin separati minn xulxin;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie dikjarat mill-partijiet f'paragrafu numru 3 illi huma reciprokament irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u kwindi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi lanqas ma hemm kwistjonijiet ta' manteniment rigward tfal u dana peress illi l-istess partijiet ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg kif gja specifikat;

Illi ma jezizti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li l-partijiet it-tnejn illum ghandhom il-hajja privata taghhom separata minn xulxin;

Illi in oltre jigi dikjarat ukoll illi r-rikorrenti Sandra Kehr irrevertiet ghal kunjom xbubitha mas-separazzjoni personali kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni;

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet Sandra Kehr u Zoran Kutlic b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Awwissu, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-3 ta' Novembru, 2013 u ilhom jghixu separatament sa mill-ahhar ta' Mejju – bidu ta' Gunju tas-sena 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.